


# L-Istatwa ta' Sant' Antnin u ...



*Mario Fenech*

Wieħed mill-Altari tal-Knisja ta' Santa Marija ta' Ġesù (Ta' Ġieżu) mmexxija mill-Patrijiet Franġiskani Minuri fil-Belt Valletta huwa ddedikat lil Sant' Antnin.

Bħal ma naraw fi Knisja oħra mmexxija mill-Istess Patrijiet Franġiskani Minuri fir-Rabat tal-Mdina fuq l-Altar minflok il-Kwadru hemm niċċa bl-Istatwa ta' Sant' Antnin fiha.

Dan l-Altar ta' Sant' Antnin tal-Knisja tal-Belt qabel kien iddedikat lil Madonna tal-Itria iżda mbagħad ġie ddedikat lil Sant' Antnin.

Kienu ħadu ħsieb li jsir dan ix-xogħol ta' tibdil f'dan l-Altar ż-żewġ Gran Mastri li kienu aħwa Rafe u Nicola Cottoner.

Maż-żmien id-Devozzjoni lejn il-Qaddis kompliet tikber u saru diversi xogħolijiet biex dan l-Altar jitkompla jissebbaħ.

Fis-sena 1676 fin-niċċa ta' fuq l-Altar tpoġġiet l-ewwel statwa ta' Sant' Antnin għal qima tad-Devoti tiegħu.



Il-Prospettiva tal-Altar hija ddekorata b'xogħol mill-isbaħ ta' rham interzjat ta' kulur ikħal li ma tantx huwa komuni. L-Altar ukoll għandu xogħol ta' reqqa kbira f'dak li huwa interzjar bis-simboli tal-Qaddis f'nofs il-faċċata tal-Altar.

Bil-ħidma tal-Patri Franġiskan Benjamin Galea l-Marmista Cesare Darmanin għamel aktar xogħol ta' dekorazzjoni bl-irham fuq dan l-Altar.

L-Istatwa ta' Sant' Antnin li hemm illum fuq l-Altar saret f'Lecce mid-Ditta Luigi Guacci. Waslet Malta fis-sena 1927 biex ħadet post dik li kien hemm qabel. Ħallas għal din l-Istatwa l-Perit Gustavo Vincenti.

Ftit taż-żmien ilu dan l-Altar u l-Kappella tiegħu ġew irrestawrati biex b'hekk ġie mogħtija lura d-Dinjita li jixraqlu l-Altar ta' dan il-Qaddis Duttur tal-Knisja.

Il-Festa t-Tajba lil Kulħadd.